

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Yeda Research and Development Company Ltd, Aventis Holdings Inc

Konvenut: Comptroller-General of Patents, Designs and Trade Marks

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 3(a) Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali (ĠU L 152, p. 1) — Kundizzjonijiet għall-kisba taċ-ċertifikat — Kunċett ta' "prodott [...] protett minn privattiva bażika fis-seħħ" — Kriterji — Effett tal-ftehim 89/695/KEE dwar il-privattivi Komunitarji fuq l-evalwazzjoni tal-imsemmija kriterji f'każ ta' vjolazzjoni indiretta jew kontributorja fis-sens tal-Artikolu 26 tal-imsemmi ftehim

**Dispożittiv**

L-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-uffiċċji għall-proprjetà industrijali kompetenti ta' Stat Membru jorogħu ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari meta l-ingredjent attiv imsemmi fl-applikazzjoni, għalkemm jidher fil-kliem tal-pretensjonijiet tal-privattiva bażika bħala ingredjent attiv li jiffirma parti minn kombinazzjoni ma' ingredjent attiv ieħor, ma huwiex is-suġġett ta' ebda pretensjoni li titratta dak l-ingredjent attiv biss.

(<sup>1</sup>) ĠU C 13, 15.01.2011.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ottubru 2011 — Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-560/10 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Ġestjoni u manutenzjoni tal-portal "L-Ewropa tiegħek" — Ċaħda tal-offerta — Regolamenti (KE, Euratom) Nri 1605/2002 u 2342/2002 — Kopja sħiħa tar-rapport ta' evalwazzjoni — Principj ta' trasparenza u ta' trattament ugwali — Drittijiet għal amministrazzjoni tajba u għal smiġħ xieraq — Żbalji ta' liġi — Żnaturament tal-provi — Inammissibilità manifesta — Aggravju manifestament infondat)

(2012/C 73/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentant: N. Korogiannakis, dikigoros)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Delaude u N. Bambara, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Settembru 2010 — Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (T-300/07) li tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Lulju 2007, li tiċħad l-offerta magħmula minn Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE fil-kuntest tas-sejħa għal offerti ENTR/05/78, għal-lott Nru 2 (ġestjoni tal-infrastrutturi), għall-ġestjoni u għall-manutenzjoni tal-portal "L-Ewropa tiegħek", u li tagħti dan il-kuntratt lil offerent ieħor

**Dispożittiv**

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 72, 05.03.2011

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Novembru 2011 — Kalliope Agapiou Joséphidès vs Il-Kummissjoni Ewropea, L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)**

(Kawża C-626/10 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Artikolu 4(1)(b) u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) — Protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu — Protezzjoni tal-interessi kummerċjali — Regolament (KE) Nru 58/2003 — Aġenzija eżekuttiva — Kompetenza sabiex jiġu ttrattati t-talbiet li jikkonfermaw it-talbiet għal aċċess għal dokumenti — Prinċipju ta' trasparenza — Kunċett ta' "interess pubbliku superjuri" — Żbalji ta' liġi)

(2012/C 73/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: Kalliope Agapiou Joséphidès (rappreżentanti: C. Joséphidès u H. Joséphidès, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Rozet u M. Owsiany-Hornung, aġenti), L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) (rappreżentant: H. Monet, aġent)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla), tal-21 ta' Ottubru 2010, Agapiou Joséphidès vs Il-Kummissjoni u EACEA (T-439/08) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-EACEA, tal-1 ta' Awwissu 2008, dwar talba għal aċċess għad-dokumenti dwar l-għoti ta' Ċentru ta' Eċċellenza Jean Monnet

lill-Università ta' Ċipru u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3749, tat-8 ta' Awwissu 2008, dwar deċiżjoni individwali ta' għoti ta' sussidju fil-kuntest tal-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja, subprogramm Jean Monnet — Ksur tad-dritt għal aċċess għal dokumenti u tal-prinċipju ta' trasparenza — Żbalji ta' liġi

### Dispożittiv

- (1) *L-appell huwa miċħud.*
- (2) *Agapiou Joséphidès hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 103, 2.4.2011.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Novembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Justice (Chancery Division) — Ir-Renju Unit) — University of Queensland, CSL Ltd vs Comptroller-General of Patents, Designs and Trade Marks**

(Kawża C-630/10) (<sup>1</sup>)

*(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3), tar-Regoli tal-Proċedura — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari — Regolament (KE) Nru 469/2009 — Artikolu 3 — Kundizzjonijiet għall-kisba ta' ċertifikat — Kunċett ta' "prodott protett minn privattiva bażika fis-seħħ" — Kriterji — Eżistenza ta' kriterji addizzjonali jew differenti għal prodott mediċinali li jinkludi iktar minn ingredjent attiv jew għal tilqima kontra numru ta' mard ("Multi-disease vaccine" jew "tilqima multivalenti"))*

(2012/C 73/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Qorti tar-rinviju

High Court of Justice (Chancery Division)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: University of Queensland, CSL Ltd

Konvenut: Comptroller-General of Patents, Designs and Trade Marks

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — High Court of Justice (Chancery Division) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 3(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodott mediċinali (ĠU L 152, p. 1) — Kundizzjonijiet għall-kisba taċ-ċertifikat — Kunċett ta' "prodott protett minn privattiva bażika fis-seħħ" — Kriterji — Eżistenza ta' kriterji addizzjonali jew differenti għal prodott mediċinali li jinkludi iktar minn ingredjent attiv wieħed jew għal tilqima kontra numru ta' mard ("Multi-disease vaccine" jew "tilqima multivalenti")

### Dispożittiv

- (1) *L-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodott mediċinali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li d-dipartimenti kompetenti għall-proprjetà industrijali ta' Stat Membru joħorġu ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari li jirrigwarda ingredjenti attivi li ma humiex imsemmija fil-kliem tat-talbiet tal-privattiva bażika invokata insostenn ta' applikazzjoni bħal din.*
- (2) *L-Artikolu 3(b) tar-Regolament Nru 469/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħra previsti f'dan l-artikolu jkunu wkoll sodisfatti, dan ma jipprekludix li d-dipartimenti kompetenti għall-proprjetà industrijali ta' Stat Membru joħorġu ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal ingredjent attiv, li jikkorrispondi għal dak li jidher fil-kliem tat-talbiet għall-privattiva bażika invokata, meta l-prodott mediċinali li għalih ġiet ippreżentata l-awtorizzazzjoni għat-taqeghid fis-suq insostenn tat-talba għal ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari jinkludi, mhux biss dan l-ingredjent attiv, iżda wkoll prinċipji attivi oħra.*
- (3) *Fil-każ ta' privattiva bażika li tkopri proċess ta' produzzjoni ta' prodott, l-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 469/2009 jipprekludi li ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari jinħareġ għal prodott differenti minn dak li jidher fil-kliem tat-talbiet ta' din il-privattiva li huwa prodott mill-proċess ta' produzzjoni inkwistjoni. Il-punt dwar jekk dan il-proċess jippermettix il-produzzjoni diretta tal-prodott huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 89, 19.03.2011

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Novembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (Chancery Division) — ir-Renju Unit) — Daiichi Sankyo Company vs Comptroller-General of Patents, Designs and Trade Marks**

(Kawża C-6/11) (<sup>1</sup>)

*(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3), tar-Regoli tal-Proċedura — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari — Regolament (KE) Nru 469/2009 — Artikoli 3 u 4 — Kundizzjonijiet għall-kisba ta' ċertifikat — Kunċett ta' "prodott protett minn privattiva bażika fis-seħħ" — Kriterji — Eżistenza ta' kriterji addizzjonali jew differenti għal prodott mediċinali li jinkludi iktar minn prinċipju attiv)*

(2012/C 73/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Qorti tar-rinviju

High Court of Justice (Chancery Division)